# TEATRU

# FIL-PARLAMENT MA JIKBRUX FJURI



fl-ISTITUT KATTOLIKU –
Floriana
6, 7 u 8 ta' Marzu, 1987

# MAXELL

maxell®
maxell®

AUDIO-CASSETTE

VIDEO TAPES

*Available from*
*Leading Audio Video Shops.*

Music and Lyrics of
*FIL-PARLAMENT*
*MA JIKBRUX FJURI*
are being recorded on
*MAXELL*

*Tel. 806878*

# PSAILA AUTOPARTS

(Prop. JOSEPH PSAILA)

---

**STOCKISTS OF: MECHANICAL**
**BODY PARTS & ACCESSORIES**

---

VJAL IL-ĦELSIEN
ŻEBBUĠ.

*Tel. 640878*

# Kumment minn Dun Peter Serracino Inglott



Mhemmx opra ta' l-arti li ma tqanqalx il-għadab ta' xi ħadd. Aktarx għalhekk, u għal raġunijiet oħra wkoll, tagħmel ħoss. Dan il-ħoss – id-diwi tal-opra f'ruħ il-poplu – mhuwiex nieqes mill-interess fih innifsu.

Aktar milli ''adattament għat-teatru'' tar-rumanz ta' Oliver Friggieri ix-xogħol ta' Joe Saliba (li għandu ras u qalb mill-aħjar li jaf jagħti Ħaż-Żebbuġ) huwa l-esaltazzjoni ta' l-eku straordinarju li qanqal, anki f'min ma tantx jaqra, dan il-ktieb mhux tas-soltu.

Hekk jikber id-diwi tiegħu; u d-diwi qatt mhuwa sewwasew l-istess bħal-leħen qabel ma beda jirbombja fil-katakombi tar-ruħ u fl-egħrien ta' l-imħuħ.

Wara li awtur iwelled karattru, dan qisu jibda jimxi waħdu, jikseb ċerta awtonomija, jilbes ħwejjeġ differenti, skond in-nies u d-djar li jilqgħuħ għandhom. Kull ġenerazzjoni għaġnet l-Amletu tagħha. Imma bħalma, minħabba l-qies normali tal-ħajja umana, huwa rari li missier anteanzjan jilħaq jara lil ibnu jilħaq il-mument tal-ħsad ta' ħidmietu, hekk ukoll, l-awtur rari jilħaq jara wild il-fantasija tiegħu jiġi trasfigurat minn ta' warajh. Huwa sinjal tas-singolarità ta' ''Fil-Parlament'' li messitu din ix-xorti.

Karlu Manju twieled biex ifaqqas oħrajn. Oħrajn minnu stess. Biex ta' l-imqareb li hu minn qaddisu, fl-istess ħin ikidd u jferraħ lil min ġabu f'din id-dinja, fejn anki meta jikber il-ward, ikun imdiehes max-xewk.

F'pajjiżna llum għandna tassew bżonn taż-żahar u ta' l-inwar. Imma wkoll li meta fostna jidher xi ħadd li jġagħalna ngħidu fuqu: ''Dak xewka!'', ngħiduha bi tbissima. Ta' ferħ.

Viva l-fjuri kullimkien! U magħhom ix-xwiek ukoll!

# Kumment mill-Awtur tar-Rumanz



Il-kitba ta' rumanz hi esperjenza kumplessa ħafna. Rumanz fih ħafna aspetti differenti li, bħal prizma, jistednuk tħares minn naħiet diversi. Għalija FIL-PARLAMENT MA JIKBRUX FJURI hu d-djarju turmentat ta' individwu li jrid ifittex il-Verità billi jitkellem ma' Alla tiegħu, ma' niesu, mal-kelb tiegħu, ma' l-oġġetti, miegħu nnifsu, ma' pajjiżu. Jitkellem: jiġifieri jirrevela ruħu. Ktibtu wara li osservajt mill-qrib żewġ postijiet ewlenin, opposti, tal-pajjiż: iċ-Ċimteru ta' l-Addolorata u l-Parlament tal-Belt Valletta.

Għalija huma egħżeż u aktar profondi r-riflessjonijiet u l-esperjenzi li ġarrabt fid-Dar tal-Mewt milli fil-post l-ieħor. Għalhekk Karlu Manju jitkellem sikwit ma' ommu mejta fuq il-qabar tagħha stess, fejn imur biex jieħu l-parir tagħha kull meta jsib ruħu fil-għawġ man-naħa l-oħra, man-nies ħajjin u setgħana.

Il-fjura li Karlu Manju jġorr miegħu ssal-Parlament hi meħuda minn fuq il-qabar tagħha, u hi xbieha tal-Verità li ħallietlu qabel mietet, il-wirt għażiż li ħliefu, mara fqira, ma setgħetx tagħtih. Mingħandha silet il-konvinzjoni, il-kuraġġ u d-determinazzjoni li jaħseb u jitkellem skond kif jaħseb. Minnha wkoll seraq ix-xewqa li jara lill-Maltin magħqudin bejniethom, u mhux aktar mifruda bil-partiti. Mingħandha tgħallem l-aqwa tagħlima: kif jorbot il-fidi mal-ħajja.

Ir-rumanz fih siltiet li jidhru komiċi, iżda dawn m'humiex ħlief id-daħka qarsa ta' ruħ imweġġgħa li fil-fatt ma ssib xejn xi jdaħħakha f'qagħda li jmissha tit-biddel. L-identità vera ta' Karlu Manju tinkixef fil-waqtiet meta hu jiġi wiċċ imb'wiċċ ma' sfidi li donnhom jiċħdulu u jkasbrulu l-veritajiet li jħaddan. Taħt kull daħka hemm wiċċ serju, taħt kull ċajta hemm verità li m'hix taċ-ċajt, taħt kull tbissima hemm weġgħa. Bħall-petali mwaqqgħin minn id Karlu Manju fil-Parlament, petali li jiffurmaw fjura waħda, hekk ukoll il-weġgħat, anki dawk li donnhom jieħdu s-sura ta' ċajta ironika, jekk jintrabtu flimkien isawru l-mixja-kalvarju li hi r-rumanz kollu.

Wara kollox, iċ-ċajta hi stat temporanju; wara li l-wiċċ jiċċarrat, ikollu jerġa' jisserja. Hekk hi l-ħajja, u hekk ikollu jkun ukoll rumanz.

*OLIVER FRIGGIERI*

# MALATA

## Bar and Restaurant

**Palace Square, Valletta – Tel: 233967**

Daily Service from 10.30 p.m. – 2.00 p.m.
and 5.00 p.m. – 10.00 p.m.

***Visit us for Ravioli***
***and Maltese Dishes***

# Bellizzi
## PHOTO STUDIO

109, Qormi Road – Ħamrun
*Tel.* 220031

**CLOSED ON WEDNESDAY**

*No connection with Any Other Studio*

For all kinds of:

**PROFESSIONAL**
**PHOTOGRAPHY**

# FIDA FEEDS

## Anthony Gatt

Our Lady of Sorrows Street – Pietà.
*Tel: 233694*

*Għalf Bilanċjat għall-annimali kollha:*
Taħlit b'Vitamini u Minerali Speċjali għall-Broilers u Tiġieġ.

**ITMA' TAJJEB – ITMA' FIDA**



**MARIO BUONTEMPO TOURS**
Travel & Tourism
300, St. Paul Street, Valletta. Tels: 625363/228354

EASTER TOURS – 1987.
Join us on one of these Tours for Easter:

*Tour 'A' LONDON 11–20 April = Price Lm157
(9 nights)

Tour 'B' ROME 16–23 April = Price Lm139.
(Half-Board)

Tour 'C' ATHENS 18–24 April = Price Lm115
(Half-Board)

Tour 'D' CATANIA 17–24 April = Price Lm84
(By Air)

*** All Tours have the Services of one of our Tour Leaders.
* We are always ready to help our clients. ** Book early.

# Kumment tal-Producer

Ebda ktieb Malti qatt ma nbiegħ u xtered daqs ir-rumanz FIL-PARLAMENT MA JIKBRUX FJURI ta' Oliver Friggieri. Dan il-ktieb qajjem verament sensazzjoni sħiħa fil-pajjiż, kien diskuss fil-Parlament, inkitbu ħafna paġni fil-gazzetti fuqu u saru diversi dibattiti fuqu f'Malta u Għawdex. Diversi membri tal-parlament kitbu u tkellmu pubblikament fuq il-messaġġ li fih.

Żgur li dan ir-rumanz għad jibqa' msemmi mhux biss għall-valur letterarju u politiku tiegħu, imma anki għar-riperkussjonijiet u l-kummenti li qajjem fost il-Maltin.

Għalhekk kienet ħaġa xierqa u mistennija li jkun adattat għall-palk biex ikunu jistgħu jarawh aktar nies. JOE SALIBA daħal għax-xogħol ta' l-adattament għat-teatru u ħoloq biċċa xogħol tassew divertenti li għandha togħġob u tillumina lil dawk li qed ifittxu l-messaġġ politiku nazzjonali tar-rumanz. Huwa għaqqad grupp ta' atturi żgħażagħ li daħlu b'entużjażmu għal din ir-rappreżentazzjoni taħt id-direzzjoni tiegħu, li qiegħda tkun rappreżentata lill-pubbliku mid-Ditta BUĠELLI li ppubblikat il-ktieb, u miż-ŻGĦAŻAGĦ ĦADDIEMA NSARA, li jħossu li l-prinċipji li fih ir-rumanz jaqblu għal kollox mal-prinċipji li huma jħaddnu u jaħdmu għalihom.

Nisperaw li din l-attività kbira fuq il-palk ta' l-Istitut Kattoliku tkompli xxerred il-messaġġ ta' dan ir-rumanz u tiswa biex l-ideali ta' l-għaqda nazzjonali, il-ftehim bejn il-partiti, il-fiduċja tal-poplu fih innifsu, il-ħakma tal-poplu fuq il-klassi politika u mhux il-kuntrarju, jibdew jikbru fost il-poplu tagħna kollu. Aħna ċerti li dawn ir-rappreżentazzjonijiet teatrali se jiswew mhux ftit biex ikomplu jġibu lill-Maltin konxji tagħhom infushom u ta' pajjiżhom.

Karlu Manju, il-karattru prinċipali tar-rumanz, jirrappreżenta lill-ħaddiem komuni li huwa intelliġenti u għaqli fi dmiru u anki kburi bi drittijietu bħala ċittadin u membru ta' komunità. Aħna ċerti li ħafna minn dawk li se jaraw din ir-rappreżentazzjoni se jilmħu lilhom stess fiha. Jekk jiġri dan, inkunu nistgħu ngħidu li l-isforzi tagħna bħala organizzaturi ma kinux għalxejn.

*TONI CORTIS*

For All your baby's needs insist on the best.
Ask only for NEO BABY PRODUCTS.
Produced in Italy by ARTSANA.

Available from all
Pharmacies and Baby Shops.
*Trade Enquiries –*
*Tel:* 497777 – 492417

**NEO BABY**



RONNIE AUTO DEALER



tel: 640200
MDINA ROAD, ZEBBUG - MALTA

Auto & Sea Craft Dealer
From 9.00 a.m. to 8.00 p.m.

# Żewġ kummenti minn min addatta u dderieġa x-xogħol



It-teatru fih iż-żerriegħa tat-tiftixa, ir-rimja tal-komunikazzjoni, u l-egħruq ta' l-għaqda. Dawn it-tliet azzjonijiet jistgħu jinkisbu u jilħqu l-ogħla livell possibli, billi tinħoloq atmosfera ta' fiduċja, atmosfera ta' sinċerità.

Għalhekk sew meta kont qed nagħmel l-addattament tar-rumanz għat-teatru, u iżjed u iżjed, aħna u ntuh il-ħajja waqt il-provi, ħassejna li kull espressjoni teatrali għandha tkun ġenwina u sinċiera. Dan seta' jseħħ biss b'teatru li fih xi forma ta' stqarrija . . . qrara!

Għaldaqstant ma stajniex nagħmlu teatru korrott meta qed nitkellmu kontra l-korruzzjoni. Ma stajniex nagħmlu teatru li jiswa l-eluf tal-liri biex noħolqu xi ħaġa artistika biss, meta tul l-azzjonijiet teatrali li għandna, qegħdin il-ħin kollu naġixxu kontra l-lussu, u kontra dawk li jgħumu fih. Ma stajniex noħolqu teatru aljenattiv meta qed nitrattaw sitwazzjonijiet kontra l-passività u l-medjokrità. Ma stajniex noffru teatru tal-kelma biss meta l-istess kelma qed titlob azzjoni.

Dan ix-xogħol hu mibni fuq il-valuri tal-bniedem mimli bl-azzjoni, fuq il-qawwa tal-kotra u għalhekk ma stajniex ma nagħġnux teatru b'lingwaġġ popolari fejn il-kanzunetti huma mimlija b'filosofija prattika u tat-triq.

Ir-rikkezza materjali pprovajna neliminawha kemm jista' jkun u ma pprovajna ngħamxu lil ħadd bit-tlellix. Hekk jistgħu joħorġu iżjed il-kapaċitajiet, it-talenti, u l-valuri ta' l-attur . . . il-bniedem. Il-mużika u l-kant dirett huma wieħed mill-isfidi li juru biċ-ċar il-qawwa ta' l-għaqda u l-kollettiv.

Bħal kull produzzjoni oħra, kellna ħafna problemi, iżda bl-għaqda ta' dawk kollha li taw sehemhom solvejniehom biex issa ser tassistu għal prodott moħmi b'mod kollettiv.

Għaldaqstant nixtieq nirringrazzja lil kull min ta sehmu biex telgħet din il-produzzjoni, speċjalment lill-atturi u lil Toni u Gorg Cortis li kważi x-xogħol kollu tal-produzzjoni waqa' fuqhom. Ma' dawn nixtieq nirringrazzja wkoll lil marti.

Nixtieq niddedika din il-produzzjoni teatrali lil Maltin kollha. Grazzi.

*JOSEPH SALIBA*

# CAST

**Atturi.**

*Ambjent 1* ........ Isabel Gatt.
*Ambjent 2* ........ Cynthia Saliba.
*Karlu Manju* ........ Wilfred Kenely.
*Tigellino* ........ Gorg Cortis.
*Onorevoli* ........ Joe Camilleri.
*Dun Benjamin* ........ Salvu Attard.
*L-osservaturi fil-Knisja* ........ Daniel Muscat.
Hubert Mulgiette.
Rosette Vella.
Cecilia Testa.
*Pulizija* ........ Hubert Mugliette.
Mario Mallia.
*Spettur* ........ Joe Cortis.
*Mara ta' l-Ispettur* ........ Marlene Psaila.
*Tifel ta' l-Ispettur* ........ Kenneth Baldacchino.
*Tifla ta' l-Ispettur* ........ Doreen Agius Cutajar.
*Tifla żgħira ta' l-Ispettur* ........ Elizabeth Cortis.
*Kanvaser* ........ Albert Vella.
John Grech.
*Omm Karlu Manju* ........ Monica Attard.
*Karlu Manju Tifel* ........ Ruben Bontempo.
*Silvja* ........ Cecilia Testa.
*Qari ta' l-ittra* ........ Daniel Muscat.
John Grech.
Rosette Vella.
Marlene Psaila.
*Vuċijiet fil-Parlament* ........ Martin A. Wysom.
Joe Cortis.
Lino Mintoff.

*Adattament* ........ Joe Saliba.
*Mużika* ........ Vince Fabri.
Simon Sammut.
Fr. Martin Bruno.
Joan.

*Back-stage: book* ........ Judy Azzopardi.
*Direzzjoni* ........ Joe Saliba.
*Direzzjoni tal-palk* ........ Lino Mintoff.
*Assistent direttur tal-palk* ........ Jesmond Sacco.
Stephen Buśuttil.
Joe Vella.
*Disinn tal-Poster* ........ Mario Muscat.
*Disinn tas-Sett* ........ Mario Muscat.

*Fotografi* ........ Joe Cortis.
Hubert Mugliette.

*Dawl* ........ Jesmond Gatt.
*Sound* ........ Natalino Spiteri.
*Irtokk* ........ Joan.
*Kostumi u ħjata* ........ Nathalie Saliba.
*Ħidma tal-props* ........ Philip Vella.
*Bini tas-sett* ........ Tonio Farrugia.
Michael Fenech.
Philip Vella.

*Uffiċjal tal-produzzjoni* ........ Toni Cortis.
*Produzzjoni* ........ Ż.Ħ.N.

**Dan il-programm huwa ġentilment sponsorjat mid-ditta**
**BUĠELLI**
**50, Triq Santa Luċija – Valletta. Tel: 224809**

# Kumment ta' Vince Fabri



Meta tiġi mistieden tikteb mużika oriġinali għal xogħol Teatrali impenjattiv bħal dan, issib ruħek f'avventura Mużikali mhux tas-soltu, avventura li ġġiegħlek timraħ fl-immaġinazzjoni tiegħek biex tiskopri u toħloq taħlita mill-aktar varjata ta' melodiji b'ritmi u forom differenti li flimkien jistgħu jissejħu wkoll xogħol wieħed.

Meta waħdek id-dar tibda tlibbes libsa mużikali għal kull taqbila li ssib fi skript, issib ruħek mgħobbi bir-responsabbiltà li tagħżel waħda mir-ruxxmata ta' lbiesi mużikali li toffrilek l-immaġinazzjoni tiegħek. Inkun nixtieq li b'xi mod nistaqsi għall-opinjoni tiegħek u ta' dawk li llum ġejtu taqsmu magħna din l-esperjenza, għax wara kollox dan ix-xogħol għalikom ukoll qed jittella'.

Iżda din ix-xewqa tista' tibqa' biss fil-fantasija ta' kull minn bħali tiġih din it-tentazzjoni, għax mitt bniedem mitt fehma u bejn dak li jogħġob lili, lilek u 'l dawk li hemm bil-qiegħda ħdejk, jista' jkun hemm baħar jaqsam.

Iżda forsi din l-istess xewqa wasslitni biex lil dan ix-xogħol inlibbsu libsa Mużikali mill-aktar sempliċi u komuni li tixbah aktar il-qmis u l-qalziet ta' kuljum milli l-ġlekk u l-ingravata ta' nhar ta' Ħadd. L-għanjiet inkitbu biex jitkantaw minn dawk li jqisu lilhom infushom atturi aktar milli kantanti u kont attent li nevita ċerti kisriet li huma faċli biss għal min isejjaħ lilu nnifsu kantant.

Dan naħseb li wassal biex inħolqot atmosfera sabiħa u familjari waqt il-provi fejn jien u sħabi l-atturi u l-Mużiċisti ħdimna flimkien biex nagħtu lil dan ix-xogħol il-ħajja kollettiva tiegħu u biex ftit ftit il-Mużika ma baqgħetx biss tiegħi, iżda saret tagħna lkoll.

Dan jagħtini l-kuraġġ biex b'wiċċi minn quddiem flimkien ma' sħabi nistidinkom tissieħbu, biex l-esperjenza Mużikali tagħna, issa ssir tagħkom ukoll. Grazzi.

*Vince Fabri*

# *Versi mir-Rapprezentazzjoni......*

## Possibli Dan Jien?

B'għajnejja fil-mera, lejn ħarsti mnikkta
ħarsa vojta u bla sens
ħarsa ta' bniedem jipprova jitbissem
jaħbi, ta' ħajtu l-ġenn.

Possibbli dan jien
possibbli dan jien
kif inbdilt, wara li tant stennejt
li nikber li naħdem li nkun żagħżugħ
b'ta' ħajti f'idejja t-tmun
ħa niġri u nara xi tfisser il-ħajja
nfassal u nibni futur.

Possibbli dan jien,
possibbli dan jien
kif inbdilt, m'għadni nintgħaraf xejn!

## Il-Kap tad-Dipartiment.

Min fil-għodu kmieni, kmieni
il-kap tad-dipartiment
igħaddi dritt minn mal-ħaddiema
bla ma ħadd jitlaq kumment.

Bil-qmis bajda w bl-ingravata
żarbun iswed ibblakkat
b'leħja mqaxxra friska friska
m'hemmx ċans li tarah żmattat.

Tigellino, Tigellino, il-kap tad-dipartiment,
Tigellino, Tigellino, dejjem f'ħalqu xi kumment.

Wara dik l-iskrivanija
qatt ma naf li kien għajjien
ħsiebu biex iħares 'l isfel
jara 'l ta' taħtu dubbien

Tigellino, Tigellino . . . eċċ.

Ix-xogħol tiegħu iebes ħafna
dawk ta' taħtu ma jifhmuhx
iħoss li għandu jipprotesta
'żda ta' fuqu ma jħalluhx.

Kultant jaħseb jirreżenja
iżda jaħsibha darbtejn
jibża' mill-umiljazzjoni
jibża' li jispiċċa b'xejn.

Tigellino, Tigellino . . . eċċ.

## Produzzjoni.

Produzzjoni, produzzjoni,
Tigellino produzzjoni,
m'hemmx triq oħra għal dil-gżira,
għalik din is-soluzzjoni.

Produzzjoni, produzzjoni,
u ħallik mill-korruzzjoni,
m'hemmx triq oħra għal dil-gżira,
għalik din il-vokazzjoni.

Produzzjoni, produzzjoni,
ħallik mill-kostituzzjoni,
m'hemmx triq oħra għal dil-gżira,
għalik din l-akbar missjoni.

Produzzjoni, produzzjoni,
u ħallik mill-oġġezzjoni,
m'hemmx triq oħra għal dil-gżira,
għalik din l-isbaħ viżjoni.

Produzzjoni, produzzjoni,
Tigellino produzzjoni,
m'hemmx triq oħra għal dil-gżira,
għalik din is-soluzzjoni.

Il-ħaddiem hemm bżonn li jifhem,
il-ħtieġa tal-produzzjoni,
għax inkella bla ma jridu,
jsibu ruħhom f'sospensjoni.

## Allelulja l-Onorevoli.

Allelulja, allelulja, allelulja,
allelulja, allelulja, l-Onorevoli.

Jismagħna, jisqina,
jaqdina, jlibbisna,
jifdina, jservina, l-Onorevoli.
il-paga jagħtina,
'l uliedna jrabbilna,
il-familja jsaħħilna, l-Onorevoli.

Allelulja . . . eċċ.
Imsejknin dawk l-Onorevoli
kollox jagħmlu biex jaqduna
il-jiem kollha jaħsbu fina
jaraw kif ser imantnuna.

Min bil-kelma, min bir-rabja
min bid-dagħa, u min bis-sliem
min bis-sewwa min bid-dnewwa
kulħadd lest jaqdi 'l-ħaddiem
kulħadd lest jaqdi 'l-ħaddiem.

Allelulja . . . eċċ.

Jistmana, jrabbina,
jgħarraxna, jsaffina,
jeħlisna, jifdina, l-Onorevoli.
jitlob għalina,
mill-jasar jifdina,
il-fidwa jurina, l-Onorevoli.

## Sindikar u Tgergir.

Minn wara l-persjana hemm Wenzu,
b'par għajnejn imberrqin żrinġ,
jissendika t-triq għaddejja,
waqt li jqaxxar il-larinġ!

Minn wara l-grada hemm Rożi,
par widnejn ta' iljunfant,
qed tissemma' d-diskursata,
dak il-ħin bejn kelb u ġgant.

Min igerger għax m'hawnx ilma
min igerger għax m'hawnx dawl
f'kelma waħda fost dal-poplu
kuntentizza ma tarax.
Min igerger kontra x-xita
Min igerger kontra x-xemx
f'kelma waħda fost dal-poplu
kuntentizza għad ma hemmx.

Fuq diż-żrara f'nofs ta' baħar,
ix-xemx tisreġ bla waqfien,
min jixxemmex b'sidru barra,
min fid-discos igħaddi ż-żmien.

It-triq miexja, il-pjazza tparla,
in-nies moħħhom biss f'xulxin,
dawn itaqtqu bħar-raddiena
minn fuq darhom igħaddi l-ħin.

Min igerger għax m'hawnx ilma, eċċ . . .

Fil-palazzi ta' dil-ġawhra,
Kavallieri u gvernaturi,
ħawdu l-borma u naqqru minnha,
biċ-ċapċip skond il-kuluri.

Min ixewwex kontra l-Isqof,
min ixewwex kontra l-Gvern,
u min igħid hawnhekk il-Ġenna,
u min igħid hawnhekk l-infern!

## Henjin.

Henjin il-foqra f'qalbhom
għax is-saltna tagħkom tkun,
henjin dawk għall-ħaqq imġewħa
għax fis-saltna tixbgħu żgur.

Henjin jekk jobogħdukom
ġejtu minnhom mifrudin,
henjin intom li ċċanfartu
'ħabba s-sewwa imwarbin.

Kantaw u mlew qalbkom bil-ferħ,
għax ħlaskom kbir fis-sema jkun.

Hieni int li ħadd ma jħobbok
għax fis-saltna maħbub tkun,
hieni int li llum qed tibki
għax fis-saltna msabbar tkun.

Hieni int li ġejt imċanfar
minħabb' ismi mkasbar kont,
hieni int li ħdimt għall-paċi
'ħabba s-sewwa imsawwat kont.

Kantaw u mlew qalbkom bil-ferħ,
għax ħlaskom kbir fis-sema jkun.

## Il-Poter.

Min irid poteri għolja
min irid poteri rari,
min irid poteri goffi
min irid poteri sani.

Min irid poter fuq ommu
min irid poter mat-tfal,
min irid poter fl-iskola
min irid poter fid-dar.

Il-poter, il-poter, min irid il-poter,
il-poter, il-poter, min irid il-poter,
il-poter, il-poter, min irid il-poter,
il-poter, il-poter, x'jagħmel bik il-poter!

Il-poter fuq il-ħaddiema
il-poter fuq il-fidili,
il-poter fuq il-votanti
il-poter fuq is-servili.

Min irid poter li jsawwat
min irid poter li jkisser,
min irid poter vjolenti
min irid poter li jrażżan.

Il-poter, il-poter, min irid il-poter, eċċ . . .

## Nisparixxi.

Nisparixxi, nisparixxi, minn ġoċ-ċella arrestat,
nisparixxi, nisparixxi, jo niġi ittorturat.
Nisparixxi, nisparixxi, jo niġi immassakrat,
nisparixxi, nisparixxi, inuman niġi trattat.

Għax forsi meta tkun fiċ-ċella,
il-bniedem ma jibqax iżjed uman,
kull dritt jispiċċalu,
xejn ma jibqagħlu
isir stmat bħal li kien annimal,
isir stmat bħal li kien annimal.

Nisparixxi, nisparixxi, jo niġi nsulentat,
nisparixxi, nisparixxi, b'liem' mod niġi nterrogat.
Nisparixxi, nisparixxi, flok niġi illiberat,
nisparixxi, nisparixxi, ġewwa l-ġenna eżiljat.

Għax forsi meta tkun fiċ-ċella, eċċ . . .

## Ilkoll l-Istess.

Igħidulna li aħna lkoll l-istess, indaqs u ugwali lejn il-progress,
qed ngħixu bħal aħwa, qed naqsmu l-ġid,
insejna kull firda, insejna kull ġlied.
Kollha għandna l-vilel tagħna,
kollha għandna l-jottijiet,
kollha għandna l-karozzi,
u ruxxmata artijiet.

Jgħidulna li aħna ilkoll l-istess, eċċ . . .
Kollha għandna l-istess paga,
mżejnin bl-immunità,
kollha għandna ix-xufier tagħna,
dar mimlija antikità.

Jgħidulna li aħna ilkoll l-istess, eċċ . . .
Kulħadd jista' jdur mad-dinja,
għall-mistrieħ xi żewġ safriet,
ilkoll nistgħu nipproteġu,
bla tlaqliq id-drittijiet.

Jgħidulna li aħna ilkoll l-istess, eċċ . . .
Kollha għandna l-vilel tagħna,
kollha għandna l-jottijiet,
kollha għandna il-karozzi,
u ruxxmata artijiet.

## Parlaparlaparlament.

F'din il-gżira f'nofs ta' baħar
hemm il-bini wisq famuż
għoli ferm fih ħafna kmamar
kollu mdawwal u arjuż.

Sewwa sewwa f'nofs dal-bini
kamra hemm mill-isbaħ nett
fejn jiltaqgħu l-onorevoli
bil-qima u r-rispett.

Parla parla, parla parla, parla parlament,
jiddiskutu, jiddeċiedu bl-akbar qima u bir-rispett.

Hemm bejniethom jipprometti
f'din il-kamra mis-sbieħ nett
ix-xogħol tagħhom hu biss wieħed
jippruvaw jagħmluk kuntent.

Imma l-isbaħ parti tiegħu
hi l-imbierka gallarija
fejn inħarsu ilkoll siekta
naraw x'jista' jgħodd għalina.

Parla . . .

Oh x'ferħ meta ġewwa darna
xi xandira nakkwistaw
bil-kulur u fil-qrib tagħna
jidhru b'għaqal jippjanaw

Id-dawl jiddi ġewwa darna
l-għerf jibbrilla bla waqfien
nilmħu fjuri ta' kull għamla
darna tfewwaħ qisha ġnien.

Parla . . .

## Similitudni.

Bħal ma x-xemx minn wara l-għolja,
titla' ddawwal il-ħolqien,
bħal ma l-fjuri sbieħ u ċkejkna,
ifewħu r-ruħ tal-widien.
Hekk int għalija ma.

Bħal man-nida tqattar, tqattar,
tisqi ix-xitla, ttiha r-ruħ,
bħal ma tajra, ittir ħielsa,
nieqsa mill-mard u mill-ġuħ.
Hekk int għalija ma.

Bħal ma l-kwiekeb f'sema sajfi,
b'ħarsthom jindukraw fis-skiet,
bħal ma s-sagħtar qalb il-blata,
jifrex driegħu tul il-wied.
Hekk int għalija ma.

Int dawwaltni, inti sqejtni,
int fewwaħtli ruħi mnikkta,
int kennintni int ħaddantni,
int iżżommni sod f'dis-sikta.

Bħal ma int kennintni dari,
hekk inkennek illum jien,
bħal ma int ħadt ħsieb tfuliti,
nieħu ħsiebek tul iż-żmien.

Bħal ma x-xemx minn wara l-għolja,
titla' ddawwal il-ħolqien,
bħal ma l-fjuri sbieħ u ċkejkna,
ifewwħu r-ruħ tal-widien.
Hekk int għalija ma.

## Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri.

Aħfruli sinjuri,
jekk ngħid li fil-parlament ma jikbrux fjuri,
iżda din hi l-verità
din hi s-sitwazzjoni f'pajjiżna!

Għalhekk hemm bżonn,
inkissru l-ħitan li jżommuna, magħluqin,
inwarrbu l-kuluri li bihom aħna mċappsin,
darba għal dejjem il-ħażin ngħidulu ħażin,
għax wara kollox dan hu li jagħmilna bnedmin.

Fl-imkien bħal aħwa
miġburin taħt bandiera waħda
inwarrbu l-ktajjen li bihom aħna marbutin,
fuq art twelidna lkoll flimkien u magħqudin.

# FIORELLA HALL

*New Str., in Paris Str., Żebbuġ*
*Tel. 640474*

*GĦAL TIĠIJIET, ENGAGEMENTS,*
*PARTIES, EĊĊ.*

---

**MGĦAMMRA BIL-GENERATOR**
**BOOKING MILL-FIORELLA HALL STESS**

# FURS

## and all Ladies Wear

at

# EVA HOUSE

*256, Republic Street, Valletta.*

# UNIVERSITY OF MALTA
## PRECINCTS OFFICE


27.04.98

*With Compliments* Vicki,

Qed nibgħatlek 10 kopji tal- programm "Fil- Parlament ma jikbrux Fjuri" biex jintefghu fit- Teatre Studies Programme. Il- quddiem nibghatlek ukoll xi scripts


TEL: 333903–6 TELEX: 407 HIEDUC MW FAX: (356) 336450

# DIXAN with Ultral.

## And your wash is ultra clean.





Ultral and its concentrated washing power have made DIXAN even more effective against stubborn dirt and persistent stains. From now on use just DIXAN in all kinds of washing machines at temperatures of 30°, 60° and 95° C.
And your wash will become ultra clean.
Thanks to DIXAN.




Henkel Henkel KGaA, West Germany

PAOLO BONNICI LTD., Marsa — 229363, 233757 Valetta — 224069